



Brussell, 27 ta' Frar 2023
(OR. en)

6698/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0345(COD)

ENV 160
SAN 96
COMPET 132
CONSOM 52
AGRI 80
CODEC 238

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14223/22 + ADD 1 - COM(2022) 541 final + Annexes 1 to 8
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (riformulazzjoni) - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Sabiex tiggwida d-diskussjoni dwar il-proposta leġiżlattiva msemmija hawn fuq fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) fis-16 ta' Marzu 2023, il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni u mistoqsijiet, li jinsabu fl-Anness għal din in-nota.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet u jibgħathom lill-Kunsill għad-dibattitu ta' orjentazzjoni msemmi hawn fuq.

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (riformulazzjoni)

– Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza b'mistoqsijiet għall-ministri –

Kuntest

Il-kwalità tax-xmajjar, tal-lagi u tal-ibħra Ewropej tagħna hija essenzjali għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. L-ilma nadif huwa vitali għal ilma tax-xorb sikur. Huwa importanti wkoll għal attivitajiet ekonomiċi bħall-produzzjoni industrijali, it-trasport, it-turiżmu u s-sajd.

L-ilma urban mormi huwa wieħed mill-kontributori ewlenin għat-tniġġis tal-ilma fl-Unjoni Ewropea. Evalwazzjoni tad-direttiva dwar l-ilma urban mormi identifikat tliet settijiet ewlenin ta' kwistjonijiet, li huma t-tniġġis li jifdal minn sorsi urbani, l-allinjament mhux komplut ma' ambizzjonijiet soċjetali ġodda u mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u livell insuffiċjenti jew inkonsistenti ta' governanza. Fir-rigward tat-tniġġis mill-ilma urban mormi, l-evalwazzjoni kkonkludiet li bliet iżgħar, faċilitajiet tat-trattament mhux ċentralizzati, standards skaduti tad-direttiva eżistenti għan-nutrijenti, u t-tniġġis ikkawżat minn xita qawwija huma s-sorsi ewlenin li fadal tal-emissjonijiet urbani. L-iskariki ta' mikrosustanzi niġġiesa qed isiru wkoll kwistjoni ta' tħassib emerġenti.

L-evalwazzjoni analizzat ukoll il-potenzjal fis-settur tal-ilma mormi għal titjib fl-effiċjenza enerġetika, li jikkontribwixxi għall-politiki tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, kif ukoll għal ġestjoni aħjar tal-ħama u l-użu mill-ġdid tal-ilma għal allinjament imtejjeb mal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari.

Sitwazzjoni tal-ħidma fil-Kunsill

Fis-26 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal direttiva riveduta dwar it-trattament tal-ilma urban mormi. Hija ppreżentat il-proposta tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fl-4 ta' Novembru 2022.

S'issa saru ħames laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent. F'Jannar, taħt il-Presidenza Żvediża, l-ewwel qari tal-proposta beda jagħti lill-Istati Membri l-opportunità li jiddiskutu l-Artikoli 1 sa 21 (ħlief għall-Artikoli 12 u 19). Il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma ppermettew xi kjarifiki tad-direttiva kif ukoll l-ewwel skambju ta' fehmiet bejn l-Istati Membri dwar dawn l-artikoli. Id-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma kienu pożittivi u kostruttivi. Fuq livell ġenerali, l-Istati Membri huma favur il-proposta. Fl-istess ħin, minn dawn id-diskussjonijiet inizzjali ħarġu ideat dwar diversi sfidi.

Suġġetti għad-diskussjoni

Biex tipprovdi gwida għall-ħidma futura tal-grupp ta' ħidma, il-Presidenza tissuġġerixxi li fis-16 ta' Marzu l-Kunsill Ambjent jindirizza s-suġġetti li ġejjin.

Il-livell ġenerali ta' ambizzjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis li fadal

Biex tindirizza t-tniġġis li fadal tal-ilma urban mormi, il-Kummissjoni tipproponi li tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva biex tinkludi agglomerazzjonijiet iżgħar¹. Dawn ser ikunu jeħtieġu sistemi ta' ġbir ikkonnettjati b'mod sħiħ sal-2030, inkluż għal trattament sekondarju, iżda b'possibbiltajiet għal eżenzjonijiet.

L-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi jibqgħu wkoll sors importanti tal-iskariki ta' nutrijenti li jwasslu għall-ewtrofikazzjoni tal-korpi tal-ilma fl-Unjoni. Biex tillimita aktar l-iskariki ta' nutrijenti, il-proposta tispeċifika obbligi estiżi għat-tneħħija tan-nitroġenu u l-fosforu permezz tal-hekk imsejjaħ trattament terzjarju. Ir-rekwiżiti ser jiġu applikati sa mill-2040 b'miri interim.

Il-mikrosustanzi niġġiesa, bħalma huma r-residwi farmaċewtiċi, ġew identifikati bħala problema dejjem ikbar fil-korpi tal-ilma. Il-proposta għalhekk tinkludi rekwiżiti ġodda għal pass ta' trattament addizzjonali, li huwa t-trattament kwaternarju li ser jittratta firxa kbira ta' sustanzi niġġiesa. Huwa propost li dawn ir-rekwiżiti jintlaħqu sal-2040 b'miri interim.

¹ Agglomerazzjonijiet iżgħar: minn 1000 e.p. (ekwivalenti ta' popolazzjoni) 'il fuq u mhux minn 2000 e.p. 'il fuq kif inhi bħalissa.

L-Istati Membri ddikjaraw li ser ikun diffiċli li jintlaħqu l-iskadenzi u r-rekwiżiti proposti minħabba ż-żmien meħtieġ biex jiġu ppjanati l-investimenti fl-infrastruttura. Hemm ukoll ix-xewqa għal flessibbiltà fl-adattament għall-kundizzjonijiet nazzjonali u lokali, inklużi sejħiet biex l-iskedi ta' żmien jiġu allinjati maċ-ċikli ta' ppjanar f'direttivi oħra relatati mal-ilma. Xi Stati Membri qajmu wkoll tħassib dwar il-possibbiltà li l-benefiċċji ambjentali addizzjonali miksuba minn obbligi aktar stretti għat-trattament terzjarju u kwaternarju mhux dejjem jaqbżu l-ispiża tat-trattament.

Finanzjament tat-trattament tal-mikrosustanzi niġġiesa

Il-finanzjament għat-trattament kwaternarju tal-mikrosustanzi niġġiesa huwa propost bl-introduzzjoni ta' "skemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR)" obligatorji għall-kumpaniji li jqiegħdu prodotti farmaċewtiċi u kożmetiċi fis-suq tal-UE. Anke jekk il-prinċipji l-aktar essenzjali huma definiti fil-proposta, l-implimentazzjoni Prattika tal-iskema EPR fil-livell nazzjonali titħalla f'idejn l-Istati Membri. Il-proposta tiddikjara wkoll li l-EPR trid tkopri l-ispiża sħiħa (jiġifieri għat-trattament kwaternarju, il-monitoraġġ u l-ġbir ta' statistika dwar dak li jitqiegħed fis-suq).

Filwaqt li ġeneralment hemm approċċ pożittiv għall-implimentazzjoni tal-"Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas", l-Istati Membri jixtiequ kjarifiki dwar kif skema EPR tista' taħdem fil-prattika peress li dan it-tip ta' strument huwa ġdid għas-settur tal-ilma urban mormi. Ġew espressi fehmiet differenti dwar jekk din hijiex l-aktar strateġija ta' finanzjament xierqa u jekk hux aħjar li tiġi implimentata fil-livell tal-UE jew fil-livell nazzjonali.

Kontribut għan-newtralità enerġetika

Il-proposta tispeċifika mira ta' newtralità enerġetika għas-settur tal-ilma urban mormi li għandha tintlaħaq f'kull Stat Membru sa mill-2040, b'miri interim. L-oġettiv ewlieni huwa li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u li tiġi prodotta enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari mill-bijogass u mezzi oħra. Biex jintlaħaq l-oġettiv, ser ikunu meħtieġa u imposti progressivament awditi tal-enerġija fuq il-faċilitajiet kollha ta' daqs medju u kbar². L-Istati Membri ser jiżguraw ukoll li l-produzzjoni annwali totali tal-enerġija rinnovabbli minn dawn il-faċilitajiet tkun taqbel mal-konsum totali taqħhom tal-enerġija. Din il-mira għandha tiġi applikata fil-livell nazzjonali sa mill-2040 b'miri interim.

² Minn 10 000 e.p. 'il fuq (allinjament mal-aħjar Prattiki f'xi Stati Membri).

Id-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma kienu ġeneralment favur id-dispożizzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika. Hemm fehim rigward il-benefiċċji tal-awditi tal-enerġija ssuġġeriti, għalkemm l-iskedi ta' żmien huma ta' sfida għall-Istati Membri. Hemm xi tħassib li jista' jkun diffiċli li l-miri proposti għan-newtralità enerġetika jiġu kkombinati mar-rekwiżiti l-ġodda għat-tneħħija tan-nitroġenu u t-trattament kwaternarju minħabba l-konsum tal-enerġija meħtieġ għal tali trattament. Barra minn hekk, hemm xi dubji dwar jekk il-kisba tan-newtralità enerġetika għandhiex tkun ristretta għas-settur tal-ilma urban mormi jew implimentata fi ħdan sistema ta' produzzjoni integrata usa'.

Mistoqsijiet għall-ministri

Biex tingħata gwida għat-tkomplija tal-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent, il-ministri huma mistiedna jiskambjaw fehmiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Xi tqis li huwa livell xieraq ta' ambizzjoni, abbażi tal-proposta, biex jiġu indirizzati s-sorsi li fadal tat-tniġġis urban?*
- 2. Taħseb li huwa xieraq li tiġi inkluża skema EPR u li jiġu inklużi miri ta' newtralità enerġetika fid-direttiva dwar l-ilma urban mormi?*